*Bir-raġun o Banda tagħna*
*Miegħek nibqgħu magħqudin*
*Għax il-kbir ismek Sant'Andrija*
*Huwa l-għaxqa tal-Ħalluqin*

# Il-Milied fl-imgħoddi f'Ħal Luqa

George Bondin

Il-festi tal-Milied fi żmien l-imgħoddi kienu ħafna sempliċi minn kif nafuhom illum iżda maż-żmien nibtu tradizzjonijiet li għadna narawhom sal-lum. Biżżejjed insemmu n-novena u l-quddiesa ta' nofs il-lejl, il-prietka tat-tifel u l-għanjiet tal-Milied, id-dimostrazzjoni bil-Bambin u l-ikel tradizjonali.

F'dan l-artiklu ser naraw kif kien jiġi ċċelebrat il-Milied, b'mod partikolari f'Ħal Luqa. Ħafna minn dawn iċ-ċelebrazjonijiet kienu jkunu simili bħal ta' rħula oħra, oħrajn kienu nibtu propju fir-raħal tagħna. L-unika ċelebrazzjoni fil-knisja kienet tkun il-quddiesa tan-novena li kienet tkun fil-5 ta filgħodu. Fil-lejl tal-Milied fil-parroċċa kienet issir quddiesa f'nofs il-lejl u nhar il-Milied isir għasar u prietka filgħaxija.

Dawn il-festi f'Ħal Luqa ħadu spinta 'l-quddiem meta fis-sena 1877 ġie bħala kappillan Ruġġier Trapani li fis-seba' snin li għamel kappillan fir-raħal kienet saret bidla kbira. Huwa kien daħħal l-użanza illi f'kull jum tan-novena filgħodu ssir il-quddiesa tan-novena bil-kant u filgħaxija, qabel il-barka, kien jingħad ir-ružarju, l-kant tal-*Alma-Redemptoris Mater* u wara l-litanija b'dak it-ton ferrieħi tal-Milied u wara kien jagħti l-barka. Kienu jattendu ħafna nies u tfal u kien hawn li l-kappillan daħħal l-użanza li f'kull jum tan-novena filgħaxija jtella' bambin tax-xema b'xi libsa tal-ħarir imżejjen b'xi ornament u b'ħafna fjuri tal-karti kkuluriti. Din l-użanza baqgħet issir għal bosta snin tant li Noè Ciappara fil-kitba tiegħu jgħid li għada issir sal-lum jiġifieri fis-sena 1978.

Mixegħla mhux tas-soltu fil-knisja kienet saret fil-lejla tal-Milied tal-1880 meta kien dawwar il-gwarniċa tal-korsija tal-kor u l-kapelluni bix-xema' twila xi żewġ piedi u nofs, b'distanza ta' żewġ piedi kull waħda u dawn kienu jinxtegħlu qabel ma jibda l-matutin f'xi l-10:00pm tal-lejl tal-Milied u jibqgħu jixegħlu sakemm tispiċċa l-funzjoni ta' nofs il-lejl xis-1:30am. F'din is-sena wkoll din il-quddiesa saret bil-mużika.

Minn sena għal oħra l-festa tal-Milied bdiet dejjem tikber u fis-sena 1883 għall-ewwel darba, f'Ħal Luqa, fil-quddiesa solenni ta' nofs il-lejl, wara l-qari tal-evanġelju saret il-prietka minn tifel ta' 10 snin Ġorġ Sapiano, it-tifel tal-magħruf arluġġar, l-imgħallem Mikiel Anġ Sapiano. Dan it-tifel ta' 10 snin li bil-ħeġġa u l-kuraġġ u b' ħila li biha pprietka għaġġeb lil kulħadd u kompla kabbar bl-entużjażmu tiegħu s-solennità tal-lejl tal-Milied. B'hekk,

fir-raħal tagħna nbdiet it-traddizzjoni tal-prietka tat-tifel li nfirxet ma' Malta kollha kif għadna naraw sal-lum.

F'dik is-sena wkoll, għall-ewwel darba, wara l-matutin, saret purċissjoni bil-bambin mal-knisja, akkumpanjata bil-kant tat-*Te Deum*. Għalkemm il-kappillan Trapani ħadem ħafna sabiex tikber il-festa tal-Milied dan kellu jkun l-aħħar Milied għalih bħala kappillan ta' Ħal Luqa. Huwa ħalla l-parroċċa nhar id-19 ta' Settembru 1884.

L-isqof Mons Carmelo Scicluna kien bagħat lil Dun Ġużepp Tagliaferro S.T.H.D bħala l-kappillan il-ġdid ta' Ħal Luqa, mill-Isla u kien serva kappillan fir-raħal ta' Ħal Safi. Huwa kien l-unika kappillan li ħa l-pusses tiegħu nhar il-festa ta'Sant'Andrija li dik is-sena ġiet iċċelebrata fl-1 ta Diċembru u li minħabba l-maltemp ma kinetx ħarġet il-purċissjoni.

Issa ser insemmu storja ħelwa marbuta ma' żmien il-Milied li kienet damet għaddejja xi snin...

Noè Ciappara jirrakkonta kif kien jisma' lix-xjuħ jgħidu... Dan il-kappillan Tagliaferro kien ħabib ħafna ta' Mastru Nikol Sammut, li kien spettur sanitarju u kien ukoll il-president tal-Banda L-Unjoni, kienu ilhom ħbieb ħafna minn meta kien għadu viċi kappillan tal-Isla. Il-ħbiberija kienet kibret iktar meta kien kappillan ta' Ħal Safi. Dak iż-żmien meta ġie kappillan Ħal Luqa kellu biss 39 sena u Mastru Nikol kellu 29 sena.

Kien reġa' wasal il-Milied tas-sena 1884 u l-kappillan Tagliaferro mexa' fuq l-użanza li fin-novena tal-Milied u fil-quddiesa ta' nofs il-lejl jiġu mtellgħa l-bambini tax-xema' kuljum bil-lotterija. Dawn il-lotteriji tal-bambini kienu jsiru sabiex bil-qliegħ tagħhom tkun tista' ssir xi opra fil-knisja. F'dan iż-żmien li qed insemmi l-qliegħ kien imur fil-fond tat-tużell il-ġdid għall-festa ta' Sant'Andrija.

Is-sistema ta' dawn il-lotterija kienet tkun bil-kitba fuq pitazz. Fuq kull vers kien jinkiteb in-numru, l-isem u l-indirizz u għal kull numru kien jitħallas sold. Kienu jinkitbu ħafna f'din it-tip ta' lotterija, tista' tgħid kull persuna tar-raħal, iżda jkunu ħafna li jiktbu iżjed minn numru wieħed biex ikollhom aktar ċans jirbħu. Mastru Nikol Sammut ma kienx joqgħod lura li ma jiktibx ħafna. Il-lotteriji kien itellagħhom il-kappillan hekk kif tispiċċa l-funzjoni.

Fil-fatt ġara li waqt in-novena kien tela' diversi drabi ta' Masrtu Nikol. Dik is-sena n-nies u l-kleru ma tantx taw kas li Mastru kien tela' diversi drabi.

Il-kleru ta' dak iż-żmien f'Ħal Luqa, barra l-kappillan, kien hemm 8 qassisin li kienu kollha min Ħal Luqa. Dawn kienu Dun Baskal Buhagiar, Dun Ġużepp Bezzina, Dun Tumas Zammit, Dun Indri Mifsud, Dun Karm Grima, Dun Ġużepp Vassallo, Dun Pietru Demicoli u Dun Indri Mifsud Aquilina.

Is-sena ta' wara tal-1885 fin-novena tal-Milied, u anke fil-quddiesa ta' nofs il-lejl, x'ħin wasal il-mument tal-lotteriji ġara li l-kappillan tella' l-lotterija hu stess bħas-soltu u reġa' rebaħ ħafna bambini Mastru Nikol. Hawnhekk, il-kleru u n-nies, għamlu ħafna lmenti u tgergir mal-kappillan u qalu li l-kappillan qed itellha l-bambini bil-favuri!

Reġa' wasal il-Milied tas-sena ta' wara u miegħu ġab ukoll dawn il-lotteriji li bħas-soltu telgħu fin-novena u fil-quddiesa ta'nofs il-lejl. Din is-sena, barra ħafna bambini żgħar, il-kappillan xtara bambin kbir. In-nies aktar qagħdet attenta fit-tlugħ tal-bambini għax kulħadd kien jixtieq li jitla' xi wieħed minnhom u jżommu bħala tifkira u fl-istess ħin kienu attenti sabiex il-kappillan ma jagħmilx xi favuri waqt il-lotterija. Ġara li Mastru Nikol rebaħ tlett darbiet u n-nies għal darb'oħra bdiet tirrabja. Tela' l-bambin il-kbir u l-kappillan b'vuċi għolja qal "Il-Bambin il-kbir mess bix-xorti lil Mastru Nikola Sammut!"



Hawnhekk in-nies irvellat u bdiet tgħajjar lill-kappillan u riedu assolutament ikeċċuh minn Ħal luqa. Xi ġranet wara li għadda jum il-Milied filgħodu l-kappillan sab il-bieb ta' barra mbarrat bil-ġebel u kellu joħrog mit-tieqa. Huwa kien ħalla r-raħal fl-aħħar ta' Mejju tas-sena 1887.

Jekk wieħed isemmi l-festi tal-Milied ma jistax ma jsemmix lis-soċji tal-MUSEUM li minn meta beda l-MUSEUM ta' Ħal Luqa bdew jiġu ċċelebrati b'aktar pompa dawn il-festi. Il-purċisjoni bil-Bambin jew aħjar kif kienu jsejħulha d-dimostrazzjoni bil-Bambin bdiet Ħal Luqa fis-sena 1924 meta s-Superjur Ġenerali bagħat żewġ soċi mill-Ħamrun biex jgħinu lis-soċi ta Ħal Luqa minħabba li ma setgħux ilaħħqu ma' ħafna tfal. Dawn iż-żewġ soċji kienu huma li għamlu l-ewwel purċissjoni bil-Bambin fejn flimkien ma' soċi oħra ppreparaw sew għall-ewwel purċissjoni. F'dak iż-żmien il-MUSEUM kien hemm wieħed Wistin Cassar li kien jaf iċekċek bl-armonju. Jiem qabel il-purċissjoni kienu jsiru xi kunċerti għat-tfal. Ċertu Gejtu kien iġib miegħu tambur u erħilu jagħtiha flimkien mal-armonju. Huwa kien itambar fit-triq kollha waqt li t-tfal ikantaw diversi innijet li fir-raħal qatt ma kienu nstemgħu. Biż-żmien, meta kienu jiġu s-soċi nterni minn Ħaż-Żebbuġ, komplew ikabbru din il-purċissjoni billi ġabu maxtura għall-bambin tal-purċissjoni. Kienu għamlu wkoll gandilabri bit-tankijiet tal-laċitilena, flimkien ma' diversi fanali trasparenti u skrizzjonijiet bil-kliem qaddis tal-Milied.

Anke għall-quddiesa, tan-novena li kienet issir fil-5 ta' filgħodu, is-soċi tal-MUSEUM kienu jiġbru t-tfal qabel, biex flimkien imorru għall-quddiesa, bard u mhux. Noè Ciappara jirrakkonta wkoll meta huwa kien soċju tal-MUSEUM u kien jipprepara lit-tfal għall- prietki żgħar li kienu jsiru hekk kif tidħol il-purċissjoni bil-bambin fil-MUSEUM stess.

Waħda mill-għanjiet tal-Milied li bla dubju kienu jħobbu jkantaw it-tfal hija *Ninni, la tibkix iżjed* jew kif kien jisimha propja *Benniena ta' Ġesù Bambin*. Din l-għanja ħelwa tal-Milied kitibha l-Ħalluqi Patri Indri Schembri li sal-lum għadha waħda mill-iżjed għanjiet popolari fil Milied.


**Referenza**

L-istorja ta' Ħal Luqa: Manuskritt ta' Noè Ciappara.
75 sena MUSEUM Ħal Luqa



Ħajr lill-avukat Joseph Sapiano li għoġbu jislifna dawn il-manuskritti ta' Noè Ciappara.